MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 577/2002/1

**Carmel Zarb**
**vs**

**Mifsud Brothers (Estates) Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-11 ta' Marzu 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmienja u tletin lira Maltija (Lm638.00) rapprezentanti kumpens ghal *notice period* ta' terminazzjoni ta' mpieg mas-socjeta` konvenuta, liema *notice period* l-attur kien intitolat ghalih illi izda huwa gie illegalment mcahhad minnu;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-Ligi mill-1 ta' Dicembru, 1999 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta pprezentata fl-10 ta' Gunju 2002 fejn intqal illi:**

**1. Il-kawza hi preskritta skond l-Artikolu 2147(c ) tal-Kodici Civili;**
**2. Subordinatament, kull ammont dovut lill-attur thallas skond il-Ligi.**

**Inoltre fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2002, il-konvenut eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.135.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Zarb. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din id-decizjoni tirrigwarda l-eccezjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mis-socjeta` konvenuta.**
**2. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' ammont allegatament dovut lill-attur mis-socjeta` konvenuta bhala kumpens ghan-"notice period" meta gie terminat l-impieg tieghu minn mas-socjeta` konvenuta.**
**3. L-attur xehed li l-impieg tieghu minn mas-socjeta` konvenuta kien gie terminat fl-1 ta' Dicembru, 1999. Skond l-attur xi gimgha wara li ghalaq il-post fejn kien jahdem, il-konvenuti kienu qalulhom li kienu ser ihallsuhom dak li kien dovut, u hmistax wara rcieva l-ewwel pagament.**
**4. Jirrizulta li l-lukanda Cavalieri gestita mis-socjeta konvenuta ghalqet fit-30 ta' Novembru, 1999, u dana kif verbalizzat fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2002. Jirrizulta wkoll li ntbaghtet ittra ufficjali mill-attur kontra s-socjeta` konvenuta fit-30 ta' Novembru, 2001.**
**5. L-artikolu 2147 (c) jipprovdi ghal preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena ghal dawk: "l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghal hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu."**
**6. It-Tribunal jinnota illi d-distinzjoni hawn hija bejn kumpens u paga, u jekk l-kumpens dovut ghan-notice**

**period hux ekwivalenti ghall-paga, jew jistghax jigi kunsidrat bhala tali.**

**7. L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu qed jargumenta li l-Artikolu 2147(c ) fuq citat japplika fost ohrjan ghall-pagi u salarji izda ma japplikax ghall-hlas dovut minn "notice period", cioe` kumpens dovut lill-impjegat.**

**8. Il-konvenut fin-nota tieghu jirreferi ghall-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, u specifikatament ghall-Artikolu 2 tal-istess fejn jintqal illi paga "tfisser remunerazzjoni jew qligh, li jithallsu bil-flus minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li ghandu jithallas skond l-Artikolu 29 ta' dan l-Att."**

**9. Huwa minnu li l-Ligi m'intendietx li tirrestringi l-interpretazzjoni ta' dik li hi "paga", anzi taghta nterpretazzjoni wiesgha, u f'dan is-sens it-Tribunal qed jaqbel sa certu punt mat-tezi sottomessa mis-socjeta` konvenuta. Meta qed nitkellmu fuq flus moghtija ghan-notice period dana jemana mill-Artikolu 34 tal-Kap.135 tal-Ligijiet ta' Malta, u jekk wiehed jara is-sub-artikoli 8 sa 13 tal-imsemmi Artikolu 34, ma hemmx dubbju li dak il-hlas ta' notice money jista' jigi ekwiparat mal-paga.**

**10. L-Artikolu 41(4) tal-Kap.135 jipprovdi dwar azzjonijiet ghar-reat f'diversi kazijiet, inkluzi fejn "(e) ikun hemm xi remunerazzjoni li ghandha tithallas skond l-Artikolu 29 ta' dan l-Att. Ghalhekk meta gie mizmum il-kumpens li se mai kien dovut jigi li kien hemm ksur tal-Ligi, u ghalhekk ma tistghax tigi applikata l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2147(c) (Carmen Argento vs Giovanna Parascandalo dec.10/03/1971. Qorti tal-Kummerc)**

**11. Dwar l-eccezzjoni l-ohra l-artikolu 43 tal-Kap 135 jipprovdi illi procedimenti ghal reat skond dan l-att jistghu jinbdew f'kull zmien, fi zmien sena mill-ghemil tar-reat. L-attur qed isostni li din mhix applikabbli ghall-kaz in kwantu tikkoncerna reat. Kif deciz mill-Qorti fil-kawza: Joseph Vella vs Louis Pisani (deciza 29 ta' Novembru, 1979 per Schembri G. Qorti tal-Kummerc) u kif riportata fil-ktieb Word of the Court Vol.6 p.2067 inghad hekk:**

**"An employer who pays a wage less than that established by regulation Orders ………commits a criminal offence. Thus the employee's action for payment of the difference is not subject to the one year prescription established by section 2147(c ) Civil Code but to the one year established by Section 43 Conditions of Employment (Regulation) Act. This being a criminal offence, the one year commences to run from the last violation."**
**Ghalhekk jigi li l-perijodu preskrittiv huwa fil-fatt ta' sena, u dana ghall-dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni dovuta.**
**12. Il-kuntratt gie terminat fit-30 ta' Novembru, 1999, intbghatet ittra ufficjali lis-socjeta` konvenuta fit-30 ta' Novembru, 2001, filwaqt illi l-kawza infethet fil-11 ta' Marzu, 2002. Meta ntbghatet l-ittra ufficjali kien gja skada l-perjodu preskrittiv. Konsegwentement hemm lok li tigi akkonta din l-eccezzjoni a tenur tal-Artikolu 43 tal-Kap.135.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta dwar li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta` l-Artikolu 2147 (c ) tal-Kap.16 tal-ligijiet ta' Malta, qed jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri sollevata, u jiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur ta` l-Artikolu 43 tal-Kap.135 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------